MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 289/2012

Kawza fil-lista: 24

**A B**

**vs**

**Dr Yana Micallef Stafrace u Prokuratur Legali Peter Paul Sammut permezz tad-digriet datat 5 ta' Marzu 2013 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D E**

**Il-Qorti**

**PREAMBOLU**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur li permezz teighu ippremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi huwa zzewweg lill-intimata fl-ewwel ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (01.12.2007)

2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

3. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett ukoll peress li l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

4. Illi inoltre, u subordinatament ghas-suespost, iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-intimata inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg, kif ghandu jirrizulta ahjar waqt is-smiegh tal-kawza.

5. Ghalhekk kellha tigi istitwita din il-procedura sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet jigi ddikjarat null u bla effett skond il-porvvedimenti tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lil din il-Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

i. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-ewwel ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (01.12.2007) jigi dikjarat null u minghajr effett legali *ai termini* tal-artikolu 19 subartikolu (1) paragrafu (c) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar is-Zwieg (Kap 255);

ii. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjezz kontra l-konvenuta li sa minn issa tibqa ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat id-dokumenti pprezentati;

Rat id-digriet datat 5 ta' Marzu 2013 fejn l-Avukat Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Peter Paul B gew nominati kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat ir-risposta[1] tal-kuraturi li eccepixxew li huma m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti u dan salv risposta ulterjuri;

Rat li fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru 2013[2] l-Avukat Kuratur tal-intimata iddikjarat li minhabba li kienet fl-impossibilita' li tikkomunika mal-assenti ma ghandhiex provi xi tressaq;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat l-atti kollha;

---

[1] a folio 26
[2] a folio 41

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat

*Provi.*

Mill-provi mressqa jirrizulta li l-attur iltaqa mal-konvenuta, ta' nazzjonalita' Filippina, f'Malta f'Mejju 2005. Il-konvenuta hija ghaxar snin izghar mill-attur. Huma iltaqghu meta l-attur kellu wiehed u hamsibn sena u dam wara li attendew separatament ghal servizz religjuz fi knisja ta' denominazzjoni Kristjana. L-konvenuta kienet qaltlu *'I am looking for a Christian husband'* u li kienet Malta ghax kienet qeda tahdem ma' familja. Mal-ewwel jum li iltaqghu il-konvenuta wriet ix-xewqa li tizzewweg lill-attur. L-attur emmen li l-inkontru tieghu mal-konvenuta ma kienx kumbinazzjoni izda provvidenzjali sabiex itaffi is-solitudini tieghu u biex ikollu min jiehu hsiebu.

Wara hmistax-il gurnata li ltaqghu cemplitlu f'nofs ta' lejl u talbitu jmur ghaliha ghax tkecciet il-barra mid-dar fejn kienet tahdem. Gabarha f'daru u kienet infurmatu li ma kelliex passaport u lanqas kienet qeghda tahdem bil-ktieb. L-attur jghid li kien irrifjuta t-talbiet tal-konvenuta li jkollhom tarbija qabel ma jizzewgu.

Jghid li minhabba li l-konvenuta kienet bla passaport u bla visa sabu diffikulatjiet sabiex isibu lil xi hadd biex izzewwighom sakemm fl-ahhaw izzewgu civilment f'Dicembru 2007.

Appena izzewgu l-attitudini tal-konvenuta versu l-attur tbiddlet drastikament. Jghid li ghalkemm wara li zzewgu damu madwar hames snin jghixu taht l-istess saqaf, il-hajja intima kienet prattikament inezistenti. L-attur jispjega s-sitwazzjoni bil-mod segwenti: *'jien kont inhossni li gejt ingannat ghaliex qabel iz-zwieg gejt muri haga u wara z-zwieg sibt haga ohra.............kienet tinjurani .......... bdiet turi li kienet tiddejjaq tkun mieghi u kienet tlieta jew erba' darbiet f'gimgha tkun trid tohrog wahedha ma' hbiebha......u lili thallini wahdi d-dar...sahansitra tiddejjaq tpoggi fuq il-mejda tal-ikel mieghi fid-dar taghna stess. Dejjem b'xi skuza jew ohra.'.*[3]

Apparti dan l-agir, il-konvenuta kienet titlob kostantament sabiex l-attur jaghtiha l-flus sabiex tibghathom lill familja taghha li kienet tghid li hija hafna fil-bzonn. B'rizultat ta' dan waqghu fi problemi finanzjarji kbar u *'Xi hbieb taghna gieli kienu addirittura jgibulna xi affarijiet tal-ikel ghaliex ahna ma kienx ikollna x'nieklu.'* Kemm l-attur kif ukoll il-hbieb taghhom kienu jippruvaw jikkonvincu lill-konvenuta li l-ewwel ghandu jigi zewgha u mbaghad il-bzonnijiet tal-familja taghha gewwa l-Filippini. Gara li meta l-attur uriha li ma kienx dispost li jibghat izjed flus lil ommha u lil hutha, din qabdet u telqet minn Malta ghax qaltlu li kellha bzonn tmur ghax riedet tiffirma xi dokumenti. L-attur kien hallsilha, il-passagg, rigali li hadet maghha, u ta wkoll hamest elef ewro biex tiehu maghha. Pero din malli dahlet fid-*departure lounge* tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta tfiet il-*mobile* u ma semmax aktar b'ahbarha.

L-attur ihoss li gie ingannat b'dan iz-zwieg. Jsostnli li zwieg bejn il-partijiet qatt ma sehh.

Ittellet bhala xhud Mary Doris Ellul, habiba tal-attur. Din xhedet illi kienet ilha taf lill-attur dsatax-il sena peress li kien jahdem mar-ragel taghha, li illum mejjet. Tiddeskrivi lill-attur

---

[3] a folio 21 et seq.

bhala bniedem generuz u leali u saret tafu aktar mill-qrib wara li kien izzeweg lill-konvenuta ghax kienu johorgu ta' spiss flimkien u kienet titkellem mal-konvneuta fuq it-telefon. Kienet tqisha *'bhala wahda mill-akbar hbieb tieghi. Kont nitkellem maghha dwar id-diffilultajiet li kont inkun ghaddejja minnhom.'*[4]

*'A B fil-prezenza tieghi kien fetah qalbu ma' zewgi u qallu bil-problemi li kien qed jghaddi minnhom fiz-zwieg tieghu. Dak inhar A kien gharraf lil zewgi li C kienet ta' spiss titolbu sommom ta' flus sabiex tibghathom il-Filippini ghand il-familja taghha.........A kien imdejjaq hafna ghaliex martu kienet tista' tghid zburzjatu.'.......... Quddiemi kien anke qal lil zewgi li anke r-relazzjoni intima ta' bejnu u bejn martu qatt ma kien hemm ghaliex martu ma kinitx tkun trid li ikollha x'taqsam mieghu. Chalres kien jsemmilna ta' spiss li C kienet tonfoq hafna flus f'telefonati. Kien jghidilna wkoll li kienet ta' spiss tohrog wahedha u ddum sieghat twal ma tigi lura,'* Ghalkemm bejn il-konvenuta u x-xhud kien hemm relazzjoni qawwija, tant li kienet issejhilha 'Sister Doris' '*C mieghi qatt ma fethet qalbha fis-sens li qatt ma tarfittli li kien hemm xi problemi bejnha u bejn A.'* Ix-xhud kienet titfalha botti li taf x'ihnu jigri, pero l-konvenuta *'kienet qisha tinjora l-botti tieghi'.* Anke meta ix-xhud ippruvat tifthilha ghajnejjha li ma kienx sew li hutha ma jriedux imorru jahdmu u l-attur joqghod jibghat ilhom il-flus din ghalqet halqha.

Dwar il-hajja konjugali taghhom ix-xhud tikkumenta: *'Jiena lil A dejjem nafu bhala bniedem li jirrispetta u jhobb lil martu. Dejjem jipprova jara kif jaghmel biex jaghtiha dak li xtaqet u biex ma jzommha nieqsa minn xejn,. Qatt ma naf li naqasha f'xi haga u qatt ma rajt ghajn hazina minnu. Anke meta C kienet ghamlet zmien rikoverata l-isptar wara operazzjoni, meta jiena kont immur* naraha l-isptar dejjem kont nsib lil A hdejha.'

F'Gunju 2012 il-konvenuta kienet marret il-Filippini - giet lura wara xahar. Donnu wara beda l-inkwiet ghax l-attur kien ilmenta li ghalkemm kienu marru ghand psikjatra biex tghinhom isalvaw iz-zwieg taghhom, il-konvenuta ma tat kaz ta' xejn. Il-psikjatra kienet tat parir li ma jkomplux jibghatu flus lill-familja taghha u sabiex timmodera t-telefonati lejn il-familja. Il-konvenuta kienet irrakkontat kemm kienet qeda tbati ommha taht hutha u peress li hija kienet il-kbira - il-missier kien mejjet - kienet thoss ir-responsabbilita' ta' ommha. L-attur kien geghlha ccempell lill ommha u tghidilha tigi Malta u jiehu hsiebha hu. Izda meta l-konvenuta cemplet ommha *'qaltilha li ma riditx tigi hawn Malta ghax kienet qed tibza li ma tidrax.'*

Meta ix-xhud kienet staqsiet lill-konvenuta jekk kienx hemm xi haga li kienet qed iddejjaqha fl-attur irrispondiet li riedet li tkun tista' taghmel li trid u li joghgobha fis-sens li tohrog meta trid, tmur fejn trid, iddum kemm trid u tibghat kemm trid flus lill-familja taghha fil-Filippini.

Tikkonferma x-xhud li f'Novembru 2012 l-konvenuta telqet minn Malta u meta hija ppruvat iccemplilha din ma wegbitiex.

**KONSIDERAZZJONIJIET ta’ FATT.**

[4] a folio 32 et seq.

Mill-provi mressqa irrizulta s-segwenti:-

1. L-attur huwa cittadin Malti filwaqt li l-konvenuta hija cittadina Filippina u l-attur huwa ghaxar snin akbar mill-konvenuta.

2. Meta l-partijiet iltaqghu il-konvenut kienet Malta illegalment minghajr viza u minghajr passaport.

3. Fl-ewwel inkontru ta' bejn il-partijiet il-konvenuta kienet informat lill-attur li kienet qed tfittex li tizzewweg ragel ta' twemmin Kristjan u mill-ewwel talbitu li jizzewgu.

4. Gimghatejn wara li iltaqghu ghall-ewwel darba, l-konvenuta talbet lill-attur tmur tabitha mieghu ghaliex kienet tkecciet mill-familja li maghha kienet impjegata f'Malta.

5. Mal-ewwel jum li marret toqghod mal-attur, il-konvenuta bdiet titlob lill-attur li jkollhom tarbija, haga li l-attur irrifjuta ghaliex ried li l-ewwel jizzewgu.

6. Il-partijiet l-ewwel izzewgu b'rit religjuz quddiem il-*pastor* tad-denominazzjoni religjuza taghhom fis-16 ta' Frar 2007, imbaghad bir-rit civili fl-1 ta' Dicembru 2007.[5]

7. Mac-celebrazzjoni taz-zwieg civili il-konvenuta ottjeniet il-permess li tibqa' tirrisjedi hawn Malta u l-attitudni taghha lejn l-attur tbiddlet drastikament billi waqfet l-intimita' bejn il-partijiet; bdiet tohrog spiss wahedha mal-hbieb; u tqatta hinijiet twal fuq l-internet.

8. Mill-bidunett tal-hajja flimkien tal-partijiet il-konvenuta kienet tinsisti mal-attur li jibaghtu flus lill-familja tal-konvenuta gewwa l-Filippini.

9. Kwalunkwe tentativ da parti tal-attur sabiex jipprova jinnormalizza r-relazzjoni ta' bejniethom kienu jsibu rezistenza mill-konvenuta.

10. Bl-iskuza li riedet taghmel vizita fil-Filippini sabiex tiffirma xi dokumenti dwar allegat bejgh ta' xi artijiet, il-konvenuta telqet minn Malta f'Novembru 2012 u mill-hin li ghaddiet il-linja tas-sigurta' fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta tfiet il-*mobile telephone* taghha u minn dak il-hin sallum l-attur ma rnexxilux jaghmel kuntatt maghha ghaliex it-telefon taghha baqa' permanentement mitfi.

**KONSIDERAZZJONIJIET ta' DRITT.**

Il-Qorti l-ewwel ser titratta l-kawzi taht l-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

**Artikolu 19 (1) (f)** jipprovdi illi zwieg huwa null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

[5] Dok. A anness mar-rikors guramentat.

Il-Qorti tirreferi b'approvazzjoni ghall-gurisprudenza estensiva iccitata mill-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu fir-rigward tas-sub inciz in dizamina.

Gie wkoll ritenut illi "Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili, u cjoe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti tal-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni, u cjoe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega………….Rigward id-disposizzjoni kontenuta fis-sub-inciz (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirrizulta jkun jehtieg li jigi ppruvat sodisfacentement li z-zewg partijiet jew wahda minnhom fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iz-zwieg innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-hajja mizzewga jew id-dritt ghall-att taz-zwieg u din l-eskluzzjoni tkun saret b'att pozittiv tal-volonta ta' dik il-parti." ("**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit**" – Qorti tal-Appell – 27 ta' Jannar 2006).

Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni ghalkemm kien ser jippartecipa fic-certimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart FRancis Attard vs Francis Attard" (**Prima' Awla **-** ta' Marzu 2000**)** inghad:

*"Il-kunsens taz-zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkreja shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin,"*

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wahda mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kkapaci jaghti kunsens validu ghaz-zwieg, pero bl-atti tieghu qabel u fil-bqija tal-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga...........jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskluda xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga..."*

Riportat dan it-taghlim ghall-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li l-kunsens tal-konvenuta fil-mument tal-kuntrattazzjoni taz-zwieg tal-partijiet kien simulat. Huwa evidenti illi l-unika skop li kellha l-konvenuta meta resqet ghac-cerimonja taz-zwieg mal-attur ma kienx li tifforma familja mieghu bid-drittijiet u dmirijiet ta' mara mizzewga izda unikament sabiex tottjeni l-permess sabiex tibqa' tabita gewwa Malta peress li s-sitwazzjoni taghha kienet wahda intensament prekarja in vista' tal-fatt li la kellha visa u lanqas passaport. Li dan kien it-tir f'mohh il-konvenuta u li kienet bezana li titkecca minn Malta jirrizulta mill-fatt illi riedet tohrog tqila mill-attur meta bilkemm kienet ghadha tafu purche' li tottjeni l-permess ta' residenza f'Malta.

Ezaminati l-provi mill-ottika tas-sub-inciz in dizamina, il-Qorti hija konvinta li ghall-konvenuta dan tal-partijiet kien purament 'zwieg ta' konvenjenza' u xejn aktar. Il-fatt li ghaddew kwazi ghaxar xhur bejn iz-zwieg religjuz u z-zwieg civili huwa indikativ li l-konvenuta kellha id-diffikultajiet li dwarhom xhed l-attur. Appena l-konvenuta irnexxielha

tizzewweg civilment lill-attur, immedjetament bidlet drastikament il-komportament u l-attegjament taghha fil-konfront tal-attur u ma qisietx aktar li hi mara mizzewga. L-attakkament intensiv li kien ghad ghandha mal-familja tal-origini taghha gewwa l-Filippini bit-trasferimenti ta’ somom ta’ flus sostanzjali u kontinwi huwa prova ohra tal-vera intenzjonijiet tal-konvenuta meta resqet ghac-celebrazzjoni taz-zwieg mal-attur. Il-fatt li dan iz-zwieg falla fl-ewwel jiem li gie celebrat jikkonsolida l-fehma tal-Qorti li l-kunsens tal-konvenuta kien simulat ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f).

Ghaldaqstant il-Qorti qed issib li z-zwieg celebrat bejn il-partijeit fl-1 ta’ Dicembru 2007 huwa null peress li l-kunsens da parti tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva ta’ diversi elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Stabbilit li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta, mhux mehtieg li l-Qorti tindaga wkoll il-kawzali msejsa fuq iz-zewg sub-incizi l-ohra tal-istess artikolu tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u

1) Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-1 ta’ Dicembru 2007 ghandu jitqies null u bla effett legali ghar-ragunijiet previsti fl-Artikolu 19 (1) (f) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg.

2) Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru sabiex isiru l-annotamenti necessarji fl-att taz-zwieg de quo.

L-ispejjez tal-kawza huma a kariku tal-konvenuta assenti filwaqt li l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur bi dritt ta’ rimbors kontra l-konvenuta assenti.

**IMHALLEF**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------